

# Id-Devozzjoni Marjana

*anke permezz tal-Mużika Sagra f'ġieħ*

# Ommna Marija Santissima

**Minn Ramon Attard**

Id-devozzjoni lejn il-qaddisin, Sidna Ġesù Kristu kif ukoll lejn Ommna Marija Santissima tista' tidher b'diversi modi - il-pinna tal-versi u l-pinna mużikali huma l-aktar żewġ modi li bihom nesprimu din id-devozzjoni.

Mingħajr l-ebda dubju d-devozzjoni lejn Ommna Marija fil-gżejjer tagħna l-Maltin u l-Għawdxin hija qawwija ħafna, tant hu hekk li nsibu ħafna poeti u kompożituri Maltin u Għawdxin li taw ġieħ lil Ommna Marija permezz tal-pinna letterarja u mużikali tagħhom. Huma ħafna dawk il-kompożizzjonijiet mużikali li għadna nisimgħuhom sal-lum fil-knejjes u fil-Parroċċi tagħna, l-aktar matul l-istaġun tal-festi li jsiru fl-ibliet u fl-irħula matul ix-xhur sħan tas-sajf. Tajjeb għalhekk li nagħtu ħarsa lejn xi kompożituri kemm dawk barranin u kemm dawk Maltin li bil-pinna tagħhom taw ġieħ lil Ommna Marija Santissima.

Fost il-kompożituri barranin li kkomponew xogħolijiet b'tema Marjana nsibu lil Jacob Arcadelt li fost ix-xogħolijiet tiegħu nsibu l-AVE MARIA għal żewġ vuċijiet u lil Angelo Maria Tarquini li fost ix-xogħolijiet tiegħu wkoll insibu għadd sabiħ ta' kompożizzjonijiet b'tema Marjana. Fost dawn il-kompożizzjonijiet insibu l-AVE MARIA għal solo u kor imħallat b'żewġ vuċijiet. Charles Gounoud ukoll ikkompona l-famuża AVE MARIA u li hija addatament fuq il-preludju No. 1 ta' Johann Sebastian Bach u li tant hija popolari madwar id-dinja kollha, tant li ma hawnx kor madwar id-dinja li din I-AVE MARIA mhix inkluża fir-repertorju tiegħu. Kompożitur ieħor li kiseb il-popolarità huwa bla dubju ta' xejn Franz Schubert, li fost ix-xogħolijiet ta' dan il-kompożitur insibu l-famuża AVE MARIA, li flimkien ma' dik ta' Charles Gounoud huma l-aktar żewġ AVE MARIJIET popolari fir-repertorju ta' ħafna kantanti u mużiċisti madwar id-dinja kollha.

Fost il-kompożituri barranin li għandhom xogħolijiet kbar f'ġieħ Ommna Marija nsibu l-famuż kompożitur Taljan Gioacchino Antonio Rossini. Dan il-kompożitur fost ix-xogħolijiet kbar tiegħu nsibu l-famuża STABAT MATER, li huwa xogħol kbir Marjan f'ġieħ Ommna Marija taħt it-titlu sabiħ ta' Marija Addolorata. Dan ix-xogħol mużikali huwa għal solisti b'kor kbir imħallat u orkestra. Xogħol sabiħ u popolari ħafna.

Xogħol ieħor li qed jikseb popolarità hija l-AVE MARIA tal-kompożitur Taljan Giulio Caccini u li qed tidħol sew ftr-repertorju ta' kantanti u mużiċisti madwar id-dinja kollha. Fl-aħħar u żgur mhux l-inqas insibu lill-kompożitur ieħor Taljan Valvaro, li fost 'il ftit xogħolijiet li nafu li għandu nsibu l-offertorju AVE MARIA għal solo, kor u orkestra. Huwa mpossibli li nsemmu l-kompożituri kollha barranin għax



**Jacob Arcadelt (1507 - 1568)**



**Charles Gounoud (1818 - 1893)**



**Johann Sebastian Bach (1685 - 1750)**



**Franz Schubert (1797 – 1828)**



**Gioacchino Antonio Rossini**
**(1792 – 1868)**



**Mro. Ġużeppi Caruana**
**(1880 – 1931)**

l-ispazju ma jippermettiex.

Bħalma kien hemm għadd ġmielu ta‘ kompożituri barranin, daqshekk ieħor għandna għadd ġmielu ta‘ kompożituri Maltin li kitbu xogħolijiet b‘tifħir u ġieħ lil Ommna Marija u li b‘hekk esprimew id-devozzjoni tagħhom lejn l-Omm tagħna tas-sema.

Fost dawn il-kompożituri, fuq quddiem nett insibu lis-Surmast Ġużeppi Caruana li kien mill-parroċċa ta‘ Sidtna Marija tal-Porto Salvo u San Duminku ta‘ Gużman tal-Belt Valletta.

Dan twieled nhar l-1 ta’ Ġunju 1880 u ġie mgħammed l-għada jiġifieri fit-2 ta’ Ġunju fl-istess knisja parrokkjali mir-Rev. Patri Raymond Falzon. Huwa miet nhar lejlet il-festa fil-21 ta’ Novembru 1931 imdawwar bil-membri tal-familja u




**L-Ave Maria ta’ Giulio Caccini.**

l-ħbieb tiegħu. Il-kompożizzjonijiet tas-Surmast Ġużeppi Caruana huma bla għadd, però huwa kkalkulat li għalkemm kull ma għex sa l-età ta’ 51 sena laħaq ikkompona madwar 500 kompożizzjoni, u għalhekk tajjeb li nsemmu xi ftit minnhom.

Fost l-ewwel kompożizzjonijiet tiegħu nsibu l-mutett *O’ Del Cielo* Gran Regina. Is-Surmast Ġużeppi Caruana kien magħruf ħafna fejn jidħlu l-innijiet. Biżżejjed insemmu dawk il-famużi innijiet bħal *Tina l-Ħlewwa* u *Qawwi Qlubna*, li kienu nkitbu għall-festa ta’ Kristu Re, l-*Innu ta’ Filgħodu* u l-*Innu ta’ Filgħaxija*, *Fil-Ħlewwa ta’ Mejju*, kif ukoll għadd ġmielu ta’ innijiet ta’ festi parrokkjali bħall-Innu ta’ San Filep (Ħaż-Żebbuġ), Sant’ Elena (Birkirkara), l-Innu tal-Inkurunazzjoni ta’ Marija Bambina (L-Isla) u l-Innu lill-Madonna tal-Mellieħa (Mellieħa). Però l-aktar innu li tah ġieħ anke’ b’mod internazzjonali kien l-innu li nkiteb għall-okkażjoni speċjali tal-Kungress Ewkaristiku li kien sar fil-Għejjer Maltin fis-sena 1913. Dan huwa bla ebda dubju l-innu NADURAWK JA HOBŻ TAS-SEMA, li għandu l-versi tiegħu tal-poeta nazzjonali Mons. Dun Karm Psaila.

Is-Surmast Ġużeppi Caruana ma kitibx biss innijiet, imma l-kompożizzjonijiet huma ferm aktar minn hekk u tajjeb li ngħidu li x-xogħolijiet mużikali li ħallielna s-Surmast Ġużeppi Caruana, hemm numru kbir minnhom li huma b’tema Marjana. Fost ix-xogħolijiet tiegħu nsibu numru kbir ta’ Antifoni għal diversi knejjes u Parroċċi, innijiet (strofi) għat-Tridijiet, innijiet sħaħ għat-Transulazzjoni u l-Għosrien, Salve Reginiet u mużika Marjana għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa bħal STABAT MATER. Kiteb ukoll għadd ta’ ntrojti u offertorji b’tema Marjana bħal Ave Marijiet u iktar. Is-Surmast Ġużeppi Caruana kiteb ukoll diversi quddies li huma msemmijin għal xi titlu f’ġieħ Ommna Marija Santissima.

Kompożitur ieħor li għandu għadd ġmielu ta’ kompożizzjonijiet b’tema Marjana u li ġew miktuba għall-knejjes u Parroċċi madwar Malta u Għawdex huwa bla dubju ta’ xejn il-kompożitur Żejtuni s-Surmast Carlo Diacono.

Is-Surmast Carlo Diacono kien surmast imfittex ħafna mill-knejjes u l-parroċċi madwar Malta u Għawdex. Fost il-ħafna knejjes u parroċċi li kellu kien hemm numru mhux ħażin li huma ddedikati lil diversi titli li aħna nagħtu lil Ommna Marija. Tajjeb għalhekk li nsemmu xi ftit minnhom. Nibdew billi nsemmu l-Parroċċa, Kolleġġjata, Bażilika u Santwarju ta’ Marija Bambina. Għal din il-parroċċa kiteb Antifona sabiħa ħafna li ġġib l-isem ta’ GLORIOSE VIRGINIS MARIE għal dwett bejn tenur, baxx, kor u orkestra u li tant tqajjem entużjażmu kull meta tindaqq. Kiteb mużika oħra bħall-introjtu, Gradwal u aktar. Parroċċa oħra Marjana fil-Kottonera hi dik tal-Immakulata Kunċizzjoni f’Bormla, fejn insibu li għal din



**Mro. Carlo Diacono**
**(1876 - 1942)**

il-parroċċa kiteb Antifona sabiħa ħafna u li tant tqajjem entużjażmu fost il-Bormliżi. Din l-Antifona li ġġib l-isem ta' HODIE EGRESSA EST hija miktuba għal tenur, kor u orkestra. Kiteb ukoll għall-parroċċi ta' H'Attard, Marsaxlokk, il-Qrendi (Santa Marija), id-Duluri (San Pawl il-Baħar), il-Madonna tal-Grazzja (Ħaż-Żabbar), Santa Marija (Mosta), Kristu Re (Raħal Ġdid) u ħafna oħrajn.

Fost il-kompożizzjonijiet li huma b'tema Marjana nsibu l-AVE MARIS STELLA, għadd kbir ta' Antifoni, Salve Regina, Litaniji Gradwali, Offertorji u diversi quddies b'dedika u ġieħ lil Ommna Marija taħt diversi titli.

Kompożituri oħrajn li għandhom għadd mhux ħażin ta' kompożizzjonijiet b'tema Marjana huma l-familja ta' mużiċisti NANI. Dawn għandhom isimhom marbut mal-patrijiet Karmelitani, minħabba l-fatt, li l-mużika li tiġi esegwita fil-festa prinċipali tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, fil-kunventi u l-parroċċi tal-patrijiet Karmelitani mxerrdin madwar Malta fosthom il-Balluta u l-Imdina hija kollha komposta mis-surmastrijiet tal-familja Nani. Imbagħad hemm parroċċa partikulari li hija mmexxija mill-qassisin djoċesani. Hawn qed nirreferi għaż-Żurrieq, li għalkemm il-parroċċa mhix iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, issir festa kbira ħafna f'ġieħ Ommna Marija taħt it-titlu sabiħ tal-Karmelu. Il-mużika kollha li tiġi esegwita f'din il-festa partikulari hija kollha komposta mis-surmastrijiet Nani; festa li għalkemm hija sekondarja hija festa kbira ħafna, kważi fuq livell ta' festa titulari u li tiġi ċċelebrata kull sena fir-raba' Ħadd tax-xahar ta' Lulju.

Fost il-kompożizzjonijiet tal-familja Nani nsibu l-famuża Antifona tal-Madonna tal-Karmnu FLOS CARMELI, CAPUT TUUM, u l-famuża quddiesa solenni li ġġib l-isem ta' MISSA SOLEMNIS IN HONOREM BEATA MARIA DEL MONTE CARMELO, jew kif inhi magħrufa l-Missa in FA.

Kompożituri kbar oħrajn li għandhom ħafna xogħolijiet mużikali b'tema Marjana huma l-kompożituri tal-familja Vincenzo u Pietro Paolo Buġeja, li kienu responsabbli mill-Cappella di Musica-Buġeja. Dawn kellhom ħafna knejjes li t-titular tagħhom huwa għal Ommna Marija taħt xi titlu jew ieħor, li whud minnhom huma mmexxijin mill-patrijiet Dumnikani.

Fil-fatt tajjeb li ngħidu li l-familja tas-Surmastrijiet Buġeja kienet għaddiet il-kompożizzjonijiet kollha tagħhom lill-Provinċja Dumnikana Maltija biex jieħdu kura tagħha huma. Il-patri li nħatar biex ikun il-Maestro di Cappella kien Patri Edgar Gatt O.P. li dam madwar ħames snin f'din il-kariga. Wara Mro. Patri Edgar Gatt O.P., il-provinċja Dumnikana Maltija ħatret lill-Mro. Patri Salv Galea O.P., li għadu f'din il-kariga sal-lum.

Il-mużika tas-Surmastrijiet Buġeja hija mpenjattiva, però fiha melodija sempliċi u li tpaxxi l-widna. Il-kompożizzjonijiet tas-Surmastrijiet Buġeja huma bla għadd u għandhom ħafna kompożizzjonijiet mużikali b'tema Marjana. Ħafna minn dawn il-kompożizzjonijiet għadhom jinstemgħu fid-diversi knejjes u parroċċi madwar Malta, l-aktar matul l-istaġun tal-festi fis-sajf.


Marquise Vincenzo Bugeja
(1820 - 1890)

Fost il-kompożizzjonijiet b'tema Marjana tal-kompożituri Buġeja nsibu quddiesa sabiħa ħafna li ġġib l-isem ta' MISSA MARIA IMMACOLATA, AVE MARIS STELLA, SALVE REGINA, LITANIJI, ANTIFONI u oħrajn.

Fost il-Parroċċi li fihom tiġi esegwita l-mużika tas-Surmastrijiet Buġeja nsibu l-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba, il-festa tas-Sacro Cuor f'tas-Sliema, Ġesù Nażżarenu f'tas-Sliema, il-festa ta' San Duminku fil-Birgu u fil-Belt Valletta u l-festa ta' Marija Bambina fix-Xagħra Għawdex.

Hemm ħafna aktar kompożituri li kitbu xogħolijiet mużikali li bix-xogħolijiet tagħhom urew id-devozzjoni tagħhom lejn Ommna Marija u l-qaddisin.

Qabel ma nagħlaq dan l-artiklu nixtieq li nwassal l-awguri sinċieri tiegħi għall-festa sabiħa, devota u qaddisa, lill-Wisq Reverendu Kan. Arċipriet Dun Joe Grech, flimkien mal-Kapitlu, il-kleru, il-Komunità tal-patrijiet Salesjani u lis-Sengleani kollha.


**Christopher Azzopardi** Mob: 7970 9715

Nagħmel xogħol ta' tibjid, tikħil, kisi, pont, ġibs, *graffiato*, madum, ilma, *membrane* u kostruzzjoni ta' bini

**XOGĦOL ĠENWIN LI TIXTIEQ QALBEK**